# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 1596/01 AJD**

**Carmelo Debattista**

**vs**

**Joseph Manicaro**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Novembru 2002 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm245.40) rapprezentanti in kwantu ghal mija u erghin lira Maltin (Lm140.00) arretrati ta' kera ghal zmien xahrrejn fuq il-fond numru 5, St' Reno Flats, Temi Zammit Strreet, Taarxien; in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin prezz tal-linfa tal-kamra tas-sodda li l-konvenut ha mill-imsemmi fond, in kwantu ghal seba' liri Maltin (Lm7.00) prezz tal-linfa tal-intrata li l-konvenut ukoll ha mill-imsemmi fond; in kwantu ghal tlett liri Maltin u erbghin centezmu (Lm3.40) prezz ta' serratura li kellha tinbidel u cwievet li l-konvenut ha mill-imsemmi fond; in kwantu ghal hmistax il-lira Maltin hlas ghal konsum ta' ilma

u dawl ghal tlett xhur fl-istess fond mikri u in kwantu ghal hamsin lira Maltin (Lm50.00) bhala danni kagunati fl-istess fond.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Ottubru 2001, u bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tat-talba kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba s-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-ebda ittra ufficjali ma saret u wisq aktar waslet ghand il-konvenut.
2. Illi l-kirjiet li kienu dovuti saru fiz-zmien li kellhom isiru u ma kien fadal xejn pendenti.
3. Illi l-ebda linfa ma ttiehdet mill-post.
4. Illi c-cavetta nghatat lura u l-konvenut m'ghandux cwievet tal-post.
5. Ma saru l-ebda danni fl-imsemmi fond mill-konvenut.

Ha konjizzjoni tal-affidavit tal-attur u tal-kontro-ezami 'viva voce' tal-istess attur.

Ra li l-konvenut, nonostante li inghata diversi opportunitajiet, naqas milli jressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu sollevati.

Ra l-verbal tas-seduta tas-seduta tas-26 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut donnu qed jeccepixxi ll-pagament tal-ammont dovut lill-attur bhala arretrati ta' kera, u ghalhekk kien jispetta lilu li jgib il-prova dwar dan il-pagament izda kif diga ntql aktar il-fuq l-istess konvenut naqas milli jressaq provi in kwantu jirrigwarda l-eccezzjonijiet minnhu sollevati, liema eccezzjonijiet huma kollha fatwali.

Illi l-attur min-naha l-ohra rnexxielu jipprova t-talbiet tieghu b'mod sodisfacenti u cioe' permezz tax-xhieda tieghu, permezz ta' ritratti u dokumenti.

Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm245.40) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-kovenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**